MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2010

Rikors Numru. 13/2009

**Robert Anastasi (ID 428655M) ghan-nom u in rapprezentanza ta'l-assenti (a) Ugo Alberto Harvey, (b) Helene Anastasi (ID 373183), Anna Victoria Rangoni Machiavelli, (d) Bianca Lettizia Rocca u (e) Renata Mango; Antonio sive Tonio Ganado (ID 682037M); Vanni Ganado (ID 722938M), Maria Galea (ID 218649M), Rita Buttigieg (ID 162753M), Maria Grech (ID 147343M), Anna Ganado (ID 246145M) Maria Paris (ID 442651M) Robert Randon (ID 610657M), Anna Camilleri (ID 634455M), Avukat Dr. Philip Randon (ID 48049G), Martin Farrugia Randon (ID 355753M), Maria Theresa sive Marisa Ellul Sullivan (ID 208551M) Josephine Farrugia Randon (ID 254746M) bhala uzufruttwarja, Stanley Farrugia Randon (ID 500773M) Roberta Fenech (ID 68176M)**

**vs**

**Direttur ta' l-Artijiet**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur:

Illi huma gew notifikati b’att gudizzjarju bid-data 14 t’April 2009 (kopja Dok A) li biha l-intimat offra s-somma ta’ tlettax-il elf u wiehed u disghin Euro (Euro 13,091) kumpens ghax-xiri assolut bhala liberu u frank ta’ bicca art fil-Kalkara tal-kejl ta’ madwar 964 metri kwadri li tmiss mil-Lbic u mil-Lvant ma’ Triq San Rokku u mill-Majjistral ma’ proprjeta’ residwa ta’ l-aventi causa ta’ Herbert Ganado u ohrajn, jew irjieh verjuri skond l-istima u pjanta fl-Avviz tal-Gvern numru 949 ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-1 ta’ Marzu 2007 (kopja Dok A);

Illi l-esponenti ghandhom flimkien il-kwota indiviza ta’ 444/600 parti ta’ l-art kollha u ghalhekk sehemhom mill-kumpens offert huwa ta’ Euro9,867.34;

Illi l-esponenti mhumiex qeghdin jaccettaw dina l-offerta u qeghdin jitolbu u jindikaw minflok is-somma ta’ Euro 22,180.02 kif bazata fuq l-istima tal-AIC Conrad Thake tat-18 ta’ Lulju 2008 (ta’ Euro 29,973 tal-intier kopja annessa bhala Dok C);

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu li dan il-Bord jiddetermina l-kumpens xieraq dovut lilhom ghall-kwota ta’ 444/600 tal-art imsemmija u jaghti dawk id-direttivi kollha necessarji a tenur tal-Artikolu Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ra wkoll ir-risposta tal-intimat Direttur tal-Artijiet li tghid:

Illi l-esponenti gew notifikati bir-rikors datat 23 t’April 2009 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrenti oggezzjonaw ghall-kumpens lilhom offrut mill-awtorita’ kompetenti ta’ tlettax-il elf u wiehed u disghin Euro (Euro 13,091) kumpens ghax-xiri assolut bhala liberu u frank ta’ bicca art fil-Kalkara tal-kejl ta’ madwar 964 metri kwadri u qeghdin jippretendu illi l-kumpens ghall-propjeta fl-intier taghha ghandu jkun ta’ disgha u ghoxrin elf disgha mija u tlieta u sebghin Euro (Euro 29,973);

Illi l-esponent qieghed jibqa' jsostni li l-kumpens gust ghall-bicca art fuq imsemmija huwa dak fuq citat u cioe' l-ammont ta' tlettax-il elf u wiehed u disghin Euro (Euro 13,091) u dan skond l-istima tal-Perit Arkitett Frederick Valentino A&CE fl-Avviz numru 949 ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 t'Ottubru 2007;

Ghaldaqstant l-esponent qieghed jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord sabiex jiffissa l-ammont ta' tlettax-il elf u wiehed u disghin Euro (Euro 13,091) bhala l-kumpens gust ghall-esproprijazzjoni tal- bicca art fuq imsemmija.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidra:

Illi r-rikorrenti oggezzjonaw ghall-valur offert mill-intimat a bazi tal-istima maghmula mill-perit arkittett taghhom u cioe f'dik ta' euro 29,973.00 ghall-intier u euro 22,180.02 ghas-sehem taghhom kontra l-euro 13,091.00 offerti.

Illi f'din il-materja il-Bord kien assistit mill-perit membri tieghu li wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz, ikkonkludew illi din l-art hija wahda agrikola, kif del resto jaqblu l-istess rikorrenti, u li l-valur tal-art huwa fl-intier taghha huwa ta' euro 22,701.08 li jittraduci ruhu f'ewro 16,798.80 ghas-sehem ta' 444/600 parti ishma tar-rikorrenti.

In vista tal-valur unanimu da parti tal-membri teknici, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u qed jiffissa l-kumpens xieraq dovut lilhom ghax-xiri assolut bhala libera u franka tal-bicca art agrikola fil-Kalkara tal-kejl ta' madwar 964 metri kwadri li tmiss mil-Lbic u mil-Lvant ma' Triq San Rokku u mill-Majjistral ma' proprjeta' residwa ta' l-aventi causa ta' Herbert Ganado u ohrajn, jew irjieh verjuri skond l-istima u pjanta fl-Avviz tal-Gvern numru 949 ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-1 ta' Marzu 2007 ghas-sehem taghhom ta'

444/600 fil-valur ta’ euro 16,798.80 oltre l-imghax legali ai termini tal-artikolu 12(3) tal-Kap 88.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------